MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 321/2011

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fit-23 ta' Settembru 1990 (Certifikat taz-zwieg anness **Dok A**).

Illi l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet giet xolta u likwidata, u s-separazzjoni personali taghhom giet effettwata permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 24 ta' Frar 2005 (kopja annessa **Dok B**), liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2006 (kopja annessa **Dok C**).

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, D B li llum hija maggorenni u E li hija minorenni, u l-manteniment dovut ghalihom mir-rikorrent dejjem thallas. Ir-rikorrent jiddikjara li l-pagamenti tal-manteniment dovuti minnu lill-intimata ghall-bzonnijiet taghha kif pattwit

permezz tas-sentenza moghtija fit-28 ta' April 2006, jinsabu lkoll saldati, u ma hemmx arretrati dovuti.

Illi ghaddew ferm aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata C B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2011;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti A B;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2012;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2005, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2006.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D B li illum hija maggorenni u E li hija minorenni u irrizulta illi ir-rikorrenti A B dejjem hallas il-manteniment dovut lil uliedu.

Illi irrizulta wkoll illi l-pagamenti tal-manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimata kif patwit permezz tas-sentenza moghtija fit-28 ta’ April 2006 jinsabu ilkoll saldati u ma hemmx arretrati dovuti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talba, tiddikjara iz-zwieg bejn il-kontendenti bhala mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------